MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2007

Appell Kriminali Numru. 348/2007

Il-Pulizija
(Spt. S. Mallia)

Vs
Jesmond Sghendo

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli f’dawn il-gzejjer, b’diversi atti anke jekk maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda;

!. fit-2 ta’ Settembru, 2003 u fix-xhur ta’ qabel, f’San Giljan u f’inhawi differenti f’dawn il-gzejjer, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f’ xi dokument mahsub ghal xi awtorita’ pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz billi wahhal sett ta’ pjanci tar-registrazzjoni foloz AAD-253 fuq vettura tal-ghamla Ford Escort MK1

(numru tar-registrazzjoni originali LCB 225) ai termini tal-Artikolu 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat billi wahhal in-numru ta' registrazzjoni AAD-253 fuq vettura tal-ghamla Ford Escort MK1 (numru tar-registrazzjoni originali LCB 225) ai termini tal-artikolu 189 tal-Kodici Kriminali, Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, saq vettura tal-ghamla Ford Escort bin-numru ta' registrazzjoni originali LCB 225, b'numri AAD-253 li jappartjenu lil vettura ohra, minghajr il-licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija jew ta' l-Awtorita' Dwar it-Trasport Pubbliku, jew saq l-istess vettura minghajr ma kellu licenzja specifikata biex issuq l-imsemmija vettura, w b'hekk ma kienx kopert b'polza ta' l-assikurazzjoni ghar-riskji ta' terzi persuni;
4. fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, saq vettura tal-ghamla Austin Metro bin-numru tar-registrazzjoni originali AAD-253, minghajr il-licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija jew ta' l-Awtorita' Dwar it-Trasport Pubbliku, jew saq l-istess vettura minghajr ma kellu licenzja specifikata biex issuq l-imsemmija vettura, u b'hekk ma kienx kopert b'polza ta' l-assikurazzjoni ghar-riskji ta' terzi persuni;
5. naqas li fi zmien sebat ijiem jaghti avviz bil-miktub lill-Kummissarju tal-Pulizija dwar ix-xiri ta' vettura tal-marka Ford Escort bin-numru tar-registrazzjoni originali LCB-225, u ta' vettura tal-marka Austin Metro bin-numru tar-registrazzjoni originali AAD-253 ai termini tal-artikolu 26 tar-Regolamenti tat-Traffiku (A.L. 128/1994) tal-kapitlu 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-5 t'Ottubru, 2007, li biha, wara li rat l-Artikoli 15 (Sic!), 188, 189 tal-Kap. 9, l-Artikolu 3 tal-Kap. 104, Avviz Legali 128/1994 tal-Kap. 65, in vista tal-ammissjoni tieghu sabet lill-appellant hati tal-akkuzi kontra tieghu w wara li rat l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 illiberatu bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghal sentejn u dan fir-rigward tar-reati mahsuba taht il-Kapitolu 65 u Kapitolu 103 ikkundannatu ghal multa ta' mitejn u sebghin lira Maltin (Lm270) u skwalifikatu milli jkollu jew izomm licenzji

tas-sewqan ghal sena. Rat l-artikolu 23 tal-Kapitolu 9 u ordnat il-konfiska tal-vettura Ford Escort.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-12 t'Ottubru, 2007, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tilqa' dan l-appell u thassar u tikkancella s-sentenza appellata w minflok tilliberah minn kull htija w piena.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat il-verbal tas-seduta tal-lum, li bih il-prosekuzzjoni w id-difiza qablu illi ma giex osservat il-vot tal-ligi skond l-artikolu 392A wara li l-appellant irregistra l-ewwel ammissjoni tieghu. Dan ghaliex, ghalkemm inghata zmien biex jerga' jahsibha dwar l-ammissjoni tieghu, minn imkien fil-process ma jirrizulta li rega' gie mistoqsi t-tieni darba biex jikkonferma l-ammissjoni tieghu.

Ikkonsidrat

Illi l-Qorti taqbel ma' dak li gie verbalizzat u tqis li n-nuqqas t'osservanza tad-dispositiv tal-artikolu 392A huwa difett sostanzjali li jwassal ghall-annullament tal-proceduri kif ukoll tas-sentenza konsegwenzjali.

Ghaldaqstant qed tiddisponi mill-appell billi tiddikjara s-sentenza appellata kif ukoll il-proceduri kollha mir-registrazzjoni tal-ewwel ammissjoni l-quddiem nulli w bla effett, u konsegwentement terga' tibghat l-atti lill-Ewwel Qorti biex il-kawza tigi mismugha w deciza mill-gdid skond il-ligi wara li l-akkuzat jerga' jitpogga fil-pozizzjoni li kien immedjetament wara li rregistra l-ammissjoni tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------